**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roxanne Tabone)**

**vs**

**Azmi Ali Farah Bani Salman**

**Seduta Distrett Valletta**

**Illum 15 ta' Jannar 2020**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Azmi Ali Farah Bani Salman detentur tal-permess tar-residenza bin-numru 80999 (A) billi huwa akkuzat talli nhar is- 27 ta' Gunju 2012 fl-Ufficju tar-Registru Pubbliku gewwa l-Belt Valletta;

a) Ikkontratta zwieg flimkien ma' Tiereez Cassar bl-iskop unika li jikseb ic-cittadinanza Maltija.

Ikkunsidrat.

Rat li d-difiza eccepiet il-preskrizzjoni ghaliex ghaddew aktar minn hames (5) snin meta twettaq ir-reat.

Rat illi fis-seduta tal-15 ta' Ottubru 2019 (Fol. 3) il-Qorti tat cans lill-Prosekuzzjoni u lid-Difiza sabiex jipprezentaw in-noti ta' sottomissjonijiet taghhom rigward din l-eccezzjoni.

Rat illi l-Prosekuzzjoni pprezentat is-sottomissjonijiet taghha bil-miktub fil-25 ta' Ottubru 2019 (Fol. 4 *et seq* tal-process).

Rat illi d-Difiza pprezentat is-sottomissjonijiet taghha bil-miktub fit-13 ta' Novembru 2019 (Fol. 7 *et seq* tal-process).

Rat l-Atti processwali u d-dokumenti li gew esebiti.

**KONSIDERAZZJONIJIET IL-PRESKRIZZJONI**

L-imputat **Azmi Ali Farah Bani Salman j**insab mixli talli nhar is-seba' u għoxrin (27) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tnax (2012) ikkontratta żwieġ flimkien ma' **Tereza Cassar** fl-Ufficju tar-Reġistru Pubbliku ġewwa l-Belt Valletta bl-iskop uniku li jikseb iċ-ċittadinanza Maltija.

Ir-reat addebitat lill-imputat jinsab ravvizat fl-artikolu 38(1) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta illi jaqra hekk:

*38.(1) Kull persuna li tikkontratta żwieġ bl-iskop uniku li tikseb*

*(a) ċittadinanza Maltija; jew*

*(b) libertà ta' moviment f'Malta; jew*

*(ċ) permess biex taħdem jew biex tirrisjedi f'Malta; jew*

*(d) id-dritt li tidħol f'Malta; jew*

*(e) id-dritt li tikseb kura medika f'Malta,*

*tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinsab ħatja, piena ta' priġunerija għal mhux iżjed minn sentejn.*

*(2) Kull dritt jew benefiċċju miksub minn persuna li tkuninsabet ħatja ta' reat taħt is-subartikolu (1) abbażi taż-żwieġ ill igħalih hemm referenza f'dak is-subartikolu (1) jista' jiġi rexiss jew annullat mill-awtorità pubblika li mingħandha jkun inkiseb.*

*(3) Kull persuna li tikkuntratta żwieġ ma' persuna oħra metatkun taf illi l-iskop uniku ta' dik il-persuna l-oħra fl-ikkuntrattar taż-żwieġ huwa wieħed jew iżjed mill-iskopijiet imsemmija fis-subartikolu (1) tkun ħatja ta' reat u teħel meta tinsab ħatja l-istesspiena stipulata fis-subartikolu (1).*

Huwa car li r-reat li bih jinsab mixli l-impuat huwa punibbli b"*piena ta' priġunerija għal mhux iżjed minn sentejn".*

Illi ai termini tal-artikolu 688 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-azzjoni kriminali taqa' bi preskrizzjoni *"**(d) bl-egħluq ta' ħames snin** għad-delitti suġġetti għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' anqas minn erba' snin u mhux anqas minn sena"* u ghalhekk l-akkuzi de quo huma preskritti bit-trapass ta' hames snin miz-zwieg.

Huwa car li f'dan il-kaz iz-żwieġ in kwistjoni gie kkuntrattat fis-27 ta' Gunju 2012 u huwa ghalhekk car li l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat hija preskritta.

Il-Qorti ma taqbilx mal-prosekuzzjoni li d-data rilevanti ghal finijiet ta' determinazzjoni tal-preskrizzjoni hija d-data meta gie annullat iz-zwieg.

Il-Preskrizzjoni f'dan il-kaz tibda tghodd mid-data meta gie kkuntrattat iz-zwieg il-ghaliex jekk sehh ir-reat sehh dakinhar li gie kkuntrattat iz-zwieg u mhux meta gie annullat.

Il-process civili ta' annullament m'ghandu assolutament x'jaqsam xejn mad-determinazzjoni ta' dan il-kaz ghaliex il-processi huma zewg processi separati u distinti minn xulxin u s-sentenza tal-annullament civili tibqa' dik li hi – sentenza civili li ddikjarat zwieg civili null taht il-kritejri civili u ghalhekk l-aspett kriminali assolutament ma jidhol xejn.

Ir-reat inkwistjoni m'hux reat permanenti izda huwa reat istantaneju li skond il-Ligi jkun kompjut mal-mument illi dak li jkun ikun *"ikkontratta żwieġ bl-iskop uniku li tikseb"* wahda mill-vantaggi kontemplati f'paragrafi (a) sa (e) tal-artikolu 38 Kap 255. U ghalhekk certamennt mhux il-kaz ta' reat permanenti.

Il-Prosekuzzjoni kellha ixxomm hi li twettaq reat biex tkun abbuzata l-ligi tac-cittadinanza, kellha tkun pro attiva u mhux tistenna process f'qorti civili.

Alla hares din il-Qorti taccetta l-argument tal-prosekuzzjoni li kienu impeduti milli jinbdew qabel jew kellhom bilfors jistennew l-ezitu ta' proceduri ohra u ghalhekk lanqas l-artiklou 691 (2) ma jista japplika favur il-prosekuzzjoni.

Il-Qorti tfakkar ukoll li l-Proseukzzjoni kellha kull opportunita` li tressaq lill-imputat qabel il-15 ta' Ottubru, 2019 qabel skattat il-preskrizzjoni ta' hames (5) snin meta s-sentenza tal-annulament inghatat mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fis-26 ta' April, 2018.

**DECIDE:**

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tilqa' l-eccezzjoni tad-difiza tiddikjara l-azzjoni preskritta u tillibera lill-imputata mill-imputazzjoni dedotta.

____________________

**Ft./Dr. Joseph Mifsud**

**Magistrat**

**Vera kopja**

**Margaret De Battista**

**Deputat Registratur**